# KUNSILL LOKALI MQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru disgħa u ħamsin (59) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-12 ta' Ottubru, 2010 fis-6:35pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, **Noel Galea ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-SE informa lill-kunsillieri illi kien għadu kif ċempillu l-**Viċi Sindku** u dan infurmaħ illi ma setgħax jattendi għal din is-seduta u talbu sabiex l-istess **KLM jiskużah**, kif fil-fatt sar.

3. Il-**minuti** tas-seduta preċedenti kienu approvati wara li sarulhom xi korrezzjonijiet kif jidher bil-linka fuq il-kopja oriġinali u dawn ġew iffirmati.

4. Is-Sindku qal illi din tal-***Financial Statements ye 31.12.09,*** għalih kienet każ magħluq, imma qamet issa ħabta u sabta u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali se jnaqqsilna mill-allokazzjoni finanzjarja jekk dawk li kienu sottomessi ma jiġux irranġati. Is-SE qal illi dan il-każ issa ħa disgħa xhur wara li ingħalqet is-sena u l-istess *financial statements* qatt ma kienu aċċettati kemm mill-kumpanija tal-udituri *Grant Thornton* kif ukoll mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur. Is-Sindku qal li s-SE imissu f'kull laqgħa insista illi dawn l-*accounts* għadhom mhux magħluqa minn xi ħadd professjonali, filwaqt li l-istess SE qal li ilu jagħti dan il-parir lil KLM minn meta ġie biex jingaġġa *part-timer* u kien bagħat e-mail lill-kunsillieri illi dan l-uffiċċju l-aktar li kellu bżonn kien servizzi professjonali bħal dawk ta' *accountant*, liema *e-mail* kien ġie kkritikat fuqha mill-istess Sindku. Dwar il-każ jekk kienx magħluq jew le, wieħed jista' jitkellem mill-minuti tal-kunsill, madankollu Nicholas Briffa qal li l-Udituri imisshom għamlu l-aġġustamenti ta' dawn in-nuqqasijiet u xorta pprovduna bir-rapport tagħhom ġaladarba dawn ġew hawn u fiżikament għamlu l-eżerċizzju tagħhom. Intant id-dipartiment għall-Gvern Lokali qed jagħti sa nhar id-29 ta' Ottubru, 2010 sabiex dawn il-*financial statements* jaslu korrettement għandhom. L-ewwel pass kien illi l-KLM jikkummissjoni lis-Sur Richard Falzon mill-uffiċċju tal-kumpanija Edward Engerer sabiex jemenda l-*financial statements* u jagħmel laqgħa ma' Grant Thornton fil-preżenza tas-SE ħalli jkun stabbilit eżatt fejn mhux qed jaqblu minkejja li dan hu kollu miktub fl-e-mail tal-Audit Manager Ms Margaret Bonello-Cole sabiex niffinalizzawhom. Infatti is-SE għandu appuntament għada fil-għodu mas-Sur Richard Falzon, fl-istess ħin li suppost kellu appuntament mal-kuntrattur tat-toroq u l-uffiċċju tal-Perit Bezzina biex jitkejjlu t-toroq il-ġodda li nksew fl-aħħar jiem.

5. Intant issa **tlestew Triq il-Qattara, Misraħ il-Fidwa u Triq id-9 ta' April**, b'wiċċ ġdid tat-tarmak filwaqt li tlesta x-xogħol ta' trinek tal-ilma (mejn u servizzi tad-djar) kif ukoll ingħata wiċċ bil-konkos fi **Triq San Mikiel** biex il-ħaddiema tad-Distrett tar-Robba tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet Pubbliċi jibdew iqiegħdu l-mattonċina fuq sodda tar-ramel. Is-Sindku kompla li f''din it-triq dejqa intqal li m'hux se jkun hemm qalba kbira lejn in-nofs tat-triq minkejja li kien suġġerit li l-ilma tax-xita jgħaddi propju minn nofs ħalli ma jkunx ta' nkonvenjent għar-residenti.

6. Dwar il-**korsijiet tal-*computer*** li l-KLM għandu jagħti bidu tagħhom fl-Isptar il-Qadim, wara li kienet installata l-linja, s-Sindku mar għal *modem* f'waħda mill-fergħat tal-*Go plc* sabiex ikun

jista' jiġi pprovdut l-internet, kif tawna parir nagħmlu l-istess ħaddiema li għaddew il-wires. Madankollu s-Sindku qal li rridu niffirmaw kuntratt magħhom, biex ikunu jistgħu jibgħatulna l-kont darba fix-xahar minkejja li din hija linja hekk imsejħa *easy line* li minnha tista' ċċempel biss bil-card. Dwar il-ħlasijiet u l-*ispeed* hemm għażla ta' €13.86 għal *speed* ta' 4mbps u 25Gb, €23.18 għal *speed* ta' 8mbps u 100Gb, €32.18 għall-*speed* ta' 12mbps u 150Gbps fix-xahar u €11.95 kull xahrejn. Dwar din l-għażla intqal li nistgħu nikkunsultaw mal-għalliem sabiex jgħidilna x'għandna bżonn. Dwar *wireless connections* hemm ħlas addizzjonali ta' €25 iżda kull *computer* ikollu bżonn *dongle* li titwaħħal miegħu biex jikkumnika mal-istess *antenna* tal-apparat, liema spiża hija baxxa ħafna skond is-Sindku.

7. Dwar l-attivita' kulturali '**L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien'** li kienet organizzata mill-KLM fl-1 ta' Ottubru, 2010, intqal illi din kienet waħda tajba, kemm mill-att ta' organizzazzjoni kif ukoll mill-att ta' attendenza. Hawn kien deċiż illi tintbgħat ittra ta' apprezzament u ringrazzjament lil dawk kollha li offrew l-għajnuna tagħhom mingħajr ħlas fl-istess attivita'. Is-Sindku qal li sfortunatament waqt li konna qed inżarmaw ġew innutati żewġ banketti tal-injam nieqsa u issa se jkollna naħdmu bħalhom u nipprovduhom lil min kien silifhomlna. Dwar is-sezzjoni tal-annimali li kienet fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, is-Sindku qal li din tista' tkun aħjar f'każ li d-Dipartiment tal-Agrikultura jipprovdu dawk tagħhom. Kien innutat nuqqas ta' tabellaġġ u għaldaqstant ma attendewx wisq nies għall-Wirja tal-Galleriji li esebew il-MEPA fl-Isptar il-Qadim. Għall-grupp The *Jacksons Pipe Band*, magħruf aħjar bħala taż-żavżava, intqal li dawn setgħu kienu ftit aħjar, iżda mhux hekk għall-ferrovija ta' mingħajr binarji, li kienet suċċess kbir u l-istess għall-karozzini li kienu il-ħin kollu okkupati (għaliex dawn kienu mingħajr ħlas għal pubbliku iżda l-KLM se jħallas għal dan is-servizz).

8. Dwar il-**pubbliċita'** is-Sindku qal li għal din l-attivita' nistgħu inġibu reklam b'xejn billi mmorru fuq *magazines programmes* fuq stazzjonaijiet lokali u dawn jipprovdulna l-*pr* mingħajr obbligazzjoni, biex hekk ma nkunux qed innaqqru mill-allokazzjoni finanzjarja li jipprovdielna l-Gvern Ċentrali. Dan sakemm l-attivita' ma tidhirx bħala *news item* li imbgħad tkun ovvjament mogħtija prijorita' fuq l-istazzjon mingħajr obbligazzjoni finanzjarja. Nicholas Briffa qal li minkejja li jidher li fuq Net TV is-Sindku setgħa jirranġa u jirreklama l-attivita' fuq *magazine programme*, fuq One TV kienet għadha għaddejja l-iskeda tas-Sajf u ma kien hemm l-ebda *slot* fejn setgħa jidħol ir-reklam. Hawn is-Sindku qallu li s-sena d-dieħla l-attivita' se tinżamm nhar is-7 ta' Ottubru u tajjeb li minn issa Nicholas Briffa jibda' jagħmel l-arranġamenti sabiex l-istess stazzjon jagħmlilna pubbliċita' senza nteressi.

9. Kien diskuss it-***tokens*** li se jingħataw lil min se jkun ħaqqu Ġieħ l-Imqabba 2010. Paul Spiteri qal li mar għand ġojjellerija bl-isem ta' *K2 Jewellers* u din offriet medalja tal-fidda ta' 50mm (id-daqs tal-insinja tas-Sindku), li għandha tkun bl-arma tal-Imqabba fin-nofs, b'zigarella u f'kaxxa għall-prezz ta' €150-il waħda. Il-KLM approva tliet midalji bħal dawk deskritti mill-kunsillier Paul Spiteri wara li ra d-diżinn provdut u b'hekk issa qed jintrabat illi anke fis-snin li ġejjin, iżomm mal-istess midalji li se jibqa' jordna minn għand dan il-fornitur. Paul Spiteri qal li l-Kunsill Lokali tal-Mosta ordna xogħol għall-istess attivita' minn għand dan il-fornitur għaliex jidher li hu ta' *standard* għoli. Madankollu għall-premju tal-mertu se jsir *token* minn għand *Horace Enterprises* sabiex jingħata lil persuna oħra li kienet innominata.

10. Bi preparazzjoni għall-***Quiz*** li se jkun organizzat mill-KLM għat-tfal tal-Iskola Primarja, Grace Marie Mallia qalet li hija kellmet lill-Kap tal-Iskola u din is-sena hemm żewġ klassijiet tas-sitt sena biex jieħdu sehem. Hija saħqet biex wara l-*quiz* dawn jiġu fil-KLM u jingħataw drink u xi gallettini filwaqt li jkellimhom is-Sindku u l-KLM jipprovdi ktejjeb għar-rebbieħa u ċertifikat għal kull min ikun ħa sehem. Kienu diskussa dettalji oħra bħal fejn se jingħataw it-*tokens* u l-*wording* fuq iċ-ċertifikat.

11. Għall-**Quddiesa ta' Ringrazzjament** li se tkun organizata nhar l-24 ta' Ottubru, 2010, kien deċiż li din is-sena nipprovdu il-postijiet riżervati u nimxu mal-ktejjeb ippublikat aktar kmieni

din is-sena mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jistabbilixxi s-*seating* fuq bażi ta' protocol. Il-qari tal-epistola se jsir mis-Sindku u Grace Marie Mallia filwaqt li s-SE se jikteb u jaqra t-talbiet tal-ġemgħa. Il-Viċi Sindku u l-kunsillieri l-oħra se jtellgħu tliet offerti.

12. Għall-**Assemblea Lokali**, li se tinżamm nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru, 2010 fl-Isptar il-Qadim, saru xi tħejjijiet billi l-kelliema se jingħataw tliet minuti kull wieħed biex jagħmlu l-espożizzjoni tagħhom u saħansitra kien suġġerit illi jinżamm il-ħin b'*timer* fuq l-*iscreen.* It-tema hija l-IT u s-Sindku staqsa lil Paul Spiteri sabiex iġib il-*lap top* tiegħu ħalli dan jitqabbad fuq l-i*nternet* u jiġi inawgurat is-sit elettroniku tal-Kunsill mill-ġdid wara li dan kien ġie *hacked* diversi xhur ilu. Għat-twaqqif ta' dan is-sit għad fadal xi materjal x'jiġi pprovdut bħal *write ups* tal-kunsillieri u tas-cv's tagħhom, ritratti ta' l-istaff filwaqt li s-Sindku irringrazzja lil persuni mir-raħal li ħadu diversi ritratti tal-lokalita' b'*cameras* diġitali professjonali biex l-imaġini jkunu murija fis-sit elettroniku tagħna wara li hu nnifsu għamel appella fuq il-*facebook.*

13. Dwar il-**program strumentali** li fih se jingħata Ġieh l-Imqabba nhar is-Sibt, 23 ta' Ottubru, 2010 il-kunsillieri kienu nfurmati li dan se jkun jikkonsisti f'madwar siegħa u nofs mużika u fih se jkun hemm madwar nofs siegħa oħra fi preżentazzjonijiet (lit-tfal li se jkunu ħadu sehem fil-*quiz* u lil gradwati l-ġodda), diskorsi mill-mistiedna speċjali (s-Sindku taż-Żebbuġ, il-Viċi Prim Ministru, u s-Sindku tal-Imqabba), kif ukoll l-iffirmar tal-patt tal-ħbiberija mal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ. Għal din l-attivita' se jingħataw mitejn invit lis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju sabiex jibgħatuhom lil persuni li jridu huma kif miftiehem fil-laqgħat li saru mal-istess soċjeta'.

14. Kien approvat il-ħlas ta' €50 lill-**Parroċċa tal-Imqabba** għall-ispejjeż marbuta ma obbligazzjonijiet reliġjużi li se jsiru waqt l-attivitajiet tal-KLM kif ukoll għall-attivita' kulturali L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien.

15. Il-Kunsill Lokali Mqabba se jorganizza mixja b'risq il-**Community Chest Fund** f'Novembru, 2010, wara li laqa' l-istedina li saret lill-Kunsilli Lokali biex jiġbru fondi ad hoc. Din il-mixja se tkun qed issegwi waħda mill-*heritage trails* ippubblikata mill-Kunsill li għaliha l-pubbliku se jkun imħeġġeġ jagħti donazzjoni u fl-istess ħin jixtri l-ktejjeb.

16. Kienet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti** numru 393.

17. Il-kunsillieri kellhom il-lista tal-**korrispondenza** kollha li bagħatna u li irċevejna mill-aħħar laqgħa s'issa liema korrispondenza enumerata kienet ippreżentata fuq il-mejda tal-kamra.

**F'Punti oħra:**

18. Paul Spiteri semma' l-problema tar-rimi ta' skart biswit il-***bring-in-site*** ta' fejn iċ-ċimiterju. Hu qal li tant qed tittikaħ din il-problema, li ddeċieda li l-artiklu tal-fuljett ħarġa 4, jiddedikah biex iqajjem kuxjenza dwarha peress li qed inkunu pressati mill-awtoritajiet governattivi biex naġixxu quddiem din is-sitwazzjoni.

19. Problema oħra tad-**dumping fi Triq Valletta l-Qadima**, li kienet imqajma mill-awtoritajiet governattivi kienet solvuta b'kiri ta' *skip* u l-ħaddiema tagħna jneħħu l-iskart minn dan is-sit rurali għaliex konna taħt theddida li jekk ma nnaddfuhx fi żmien tlett-ijiem inaqqsulna wkoll mill-allokazzjoni finanzjarja.

20. Is-Sindku qal li irċieva talba permezz ta' ittra (mhux fuq l-applikazzjoni tal-Kunsill li kien ta lis-soċjetajiet ad hoc) biex is-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjeta' Mużikali Sta Marija, jorganizzaw għal sena oħra **Presepju ħaj** fis-sit tal-Isptar il-Qadim. Minkejja li Nicholas Briffa qal li se jivvota kontra minħabba li fil-passat ma żammewx mar-regolamenti u ma kienx hemm dixxiplina, li dwarhom hemm indikazzjonijiet fil-minuti tas-snin passati, il-KLM se jiddiskuti dan fil-laqgħa li jmiss.

21. Nicholas Briffa talab spjega għaliex il-**yellow line** li qed jipprojbixxi l-parkeġġ fi **Triq il-Fjuri.** Mill-informazzjoni li għandu l-Kunsill jirriżulta li lanqas lil Familja Bondin li tant insistiet li jsir, m'hu qed jogħġob, minkejja it-tul ta' 12.8 metri li ċaħħad f'parkeġġ biex huma jkunu jistgħu joħorġu komdi mill-garage tagħhom fuq rakkomandazzjoni ta' *Transport Malta*. Intant ġie deċiż li nibgħatu kopja ta' din ir-rakkomandazzjoni ta' *Transport Malta* lil dawk kollha li kienu ġew għal-laqgħa li kien ippropona li jagħmel għal ġirien il-KLM. Intant Grace Marie Mallia sostniet illi *Transport Malta* għamlu żball għaliex ma tawx każ ta petizzjoni mressqa mir-residenti li l-KLM għandu carbon copy (cc) tagħha.

22. F'punti oħra ssemma li nhar il-Ħadd, 17 ta' Ottubru, 2010, se jkun hawn tour minn grupp li qed jissejjaħ **Discovering Southern Villages** li se jkunu qed jaraw postijiet storiċi bħall-Isptar il-Qadim, il-Katakombi tal-Mentna kif ukoll il-kappelli medjevali. Dawn se jerġgħu jiġu fostna nhar is-26 ta' Ottubru, 2010 biex jorganizzaw *workshop* fl-Isptar il-Qadim. Dwar dawn kien hemm ċirkulazzjoni ta' e-mails fost il-kunsillieri u ma hemm l-ebda oġġezzjoni biex nassistuhom f'dawn l-attivitajiet.

23. Il-**laqgħa ntemmet fid-9:15pm** filwaqt li laqgħa oħra se tinżamm nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru, 2010.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*26 /10 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |